V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8808 — T-Mobile Austria/UPC Austria)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 179/03)

1. Fit-18 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— T-Mobile Austria GmbH ("TMA", l-Awstrija), ikkontrollata minn T-Mobile Austria Holding u li jappartjenu għal Deutsche Telekom AG ("DTAG", il-Ġermanja),

— UPC Austria GmbH (l-Awstrija), ikkontrollata minn Liberty Global Group (ir-Renju Unit).

DTAG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' UPC Austria GmbH kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— T-Mobile Austria: TMA hija operatur tan-networks tal-mobile li għandha s-sjieda ta' networks 2G, 3G u 4G b'kopertura nazzjonali fl-Awstrija. Hija toffri servizzi ta' telekomunikazzjonijiet tal-mobile għal klijenti privati u kummerċjali fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u għal operaturi ta' networks tal-mobile virtwali fil-livell ta' bejgħ bl-ingrossa. TMA hija fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn DTAG li, flimkien mal-kumpaniji li jiffurmaw il-grupp, hija kumpanija integrata tat-telekomunikazzjoni bil-kwartieri ġenerali tagħha f'Bonn, il-Ġermanja. DTAG tipprovdi telekomunikazzjonijiet fissi u tal-mobile kif ukoll l-internet u servizzi IPTV lill-konsumaturi l-aktar fl-Ewropa.

— UPC Austria: il-kumpanija hija s-sid u l-operatur ta' network tal-cable li huwa hybrid fibre-coaxial (HFC) f'ċerti partijiet tal-Awstrija. UPC toffri servizzi tal-cable TV, l-internet fiss u tat-telefonija fissa lil klijenti privati u kummerċjali fuq in-network tal-cable tal-HFCs.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8808 — T-Mobile Austria/UPC Austria

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË